MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 1450/2000/1

**Carnaby Limited gia` Carnaby Maintenance Limited**

**vs**

**George Papagiorcopulo f'ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta` MS Three Services Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Novembru, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Il-Qorti rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut proprio et nomine sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas is-somma ta’ hames mija sitta u tletin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm536.67,0) rapprezentanti hlas illi l-istess socjeta’ affetwat f’ismiha kif minnu delegata lis-socjeta’ Telecell illum Vodafone in konnessjoni ma’ kontijiet ghall-uzu tal-mobile phone;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata it-13 t’Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut proprio et nomine eccepixxa s-segwenti:

1. Preliminarjament, is-socjeta’ attrici Carnaby Limited trid tipprova illi hija s-successur fit-titolu ta’ Carnaby Maintenance Limited;

2. Illi, fil-mertu, l-eccipjent, kemm f’ismu proprju u kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta’ MS Three Services Limited mhuwiex il-legittimu kontradittur u mhuwiex debitur tas-socjeta’ attrici ghall-ammont reklamat;

3. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici in kwantu rivolti kontra l-eccipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-konvenut proprio et nomine, dak tas-socjeta’ attrici jaghzel li ma jersaqx ghall-udjenza rizervata ghal dan il-ghan;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi meta s-socjeta' attrici ezaminat il-kotba finanzjarji taghha sabet li kien ghad hemm pendenzi rigwardanti l-konvenut proprio et nomine;

2. Illi dawn kienu allegatament jirrigwardaw kontijiet pendenti lis-socjeta' Telecell illum Vodafone;

3. Illi s-socjeta' attrici tallega li l-konvenut proprio et nomine kien debitur versu l-istess socjeta' stante li din ghamlet tajjeb ghall-kontijiet tac-cellulari li kellu fil-pussess tieghu u li jirrizultala li qatt ma ghamel tajjeb ghalihom u ghalhekk kellha tittiehed din il-procedura;

Ikkonsidrat:

Illi da parte tieghu l-konvenut proprio et nomine isostni s-segwenti:

1. Illi c-cellulari in kwistjoni veru kien jappartjeni lis-socjeta' attrici;

2. Illi pero' c-cellulari in kwistjoni kien jintuza fl-ufficcju tas-socjeta' attrici u kull impjegat ta' l-istess kellu access ghalih inkluz direttur prominenti ta' l-istess socjeta' attrici; (ara fol 64);

3. Illi ghalhekk ic-cellulari in dizamina ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-konvenut proprio et nomine;

Ikkonsidrat:

Illi in oltre jirrizulta s-segwenti:

1. Illi c-cellulari li fuqu s-socjeta' attrici tibbaza t-talba taghha qatt ma gie indikat bi precizjoni fl-atti ta' din il-procedura;

2. Illi kemm-il darba l-konvenut proprio et nomine kellu l-fakolta' li juza xi cellulari ma jirrizultax li dan kien b'xi mod esklussiv ghalih;

3. Illi ma gie pprezentat l-ebda tip ta' ftehim bejn il-partijiet li jiffavorixxi l-tezi attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine, tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez."

Is-socjeta` attrici hassitha aggravata b'din is-sentenza u obbjettat minnha billi b'mod generiku lmentat illi d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti hi bazata fuq fatti u kriterji irrilevanti u ngusti fil-konfront taghha. B'mod specifiku tissottometti bi kritika illi:-

i. Ic-cellulari li dwaru qed tippretendi r-rimbors tal-hlas tal-kont gie indikat sewwa minnha u dwaru ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni;
ii. Il-Qorti akkreditat wisq piz lit-tezi sostenuta mill-konvenut li c-cellulari ma kienx esklussiv ghalih u skartat provi ohra li kienu juru illi din l-istess tezi giet totalment imxejna;
iii. Kwantu ghall-inezistenza tal-ftehim sostenuta mill-ewwel Qorti gie dimostrat li kien jezisti arrangament li kien wiehed orali. Dan kif sostenut mix-xhieda.

Mill-kontenut ta' dawn is-sottomissjonjiet huwa car illi s-socjeta` appellanti qed tinvita lill-Qorti taghmel l-apprezzament taghha tal-provi. Hi norma generalment accettata illi Qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' gudizzju ta' Qorti ta' grad inferjuri in meritu ghall-provi salv f'kazijiet eccezzjonali ta' ingustizzja manifesta. Naturalment, u in partikolari ghal din il-Qorti, dan ma jfisserx illi Qorti ta' revizjoni ghandha tikkontenta ruhha minn accettazzjoni ghamja ta' din in-norma. Ghal kuntrarju r-raguni tiddetta illi l-Qorti tat-tieni istanza ghandha d-dmir li tissindika jekk dik l-istess diskrezzjoni gietx sewwa ezercitata fl-ambitu tal-provi ottenuti ghall-ahjar konvinciment taghha, kif ukoll li tassikura jekk il-provi jwasslux ghall-konkluzjoni li ghaliha tkun waslet l-ewwel Qorti, jew jezistux elementi sufficjenti biex din il-Qorti tiddipartixxi minnha u tasal ghal konkluzjoni diversa.

Koncizament, il-kontestazzjoni centrali bejn il-partijiet litigandi tikkonsisti filli n-naha attrici issostni li c-cellulari in disamina li dwar l-identifikazzjoni tieghu, kuntrarjament ghal dak ritenut mill-ewwel Qorti verament ma jezisti l-ebda kuntrast, kien fil-perijodu partikolari esklussivament ad uzu personali tal-konvenut. Inversament, il-konvenut jikkontendi l-attribuzzjoni lilu tal-eskluzivita` tal-uzu tieghu u jsostni illi dan l-istess cellulari kien ghad-disposizzjoni ta' bosta persuni u kumpaniji ohra.

Rivizita tal-provi taghti dan il-kwadru in sostenn tal-verzjoni attrici:-

1. Il-mobile in kwestjoni kien ad uzu ta' impjegat tas-socjeta` Carnaby Maintenance Limited u meta dan spicca fl-1996, bi ftehim il-mobile beda juzah il-konvenut. Kien maqbul ukoll illi l-kontijiet relattivi ghalih jghaddu lill-konvenut. Tali arrangament kien wiehed verbali. Ara deposizzjonijiet ta' Edward Demicoli a fol 50 u fol 86.
2. Ix-xhud Patrick Warrington, accountant tal-kumpanija attrici, jikkonferma a fol 69 illi waqt il-board meetings tal-kumpanija fuq indikata l-mobile kien ikun ghand il-konvenut. Jghid ukoll illi l-kont intbaghat lill-konvenut fuq struzzjonijiet tad-diretturi tal-kumpanija l-gdida li akkwistat l-ishma tas-socjeta` precedenti (fol 68), u li meta l-konvenut irceva l-kont dan qallu biex l-invoice jidderegieh lis-socjeta` tieghu MS Three Services Limitted (fol 38).

Fil-kaz tal-konvenut appellat il-versjoni tieghu hi hekk appoggjata:-

(a) Il-mobile meritu tal-kawza ma kienx ghall-uzu esklussiv ta'xi hadd izda dan kien fl-ufficcju ghall-uzu ta' kulhadd (fol 64).
(b) Meta intbaghtlu l-kont hu kien qal kemm lil Edward Demicoli kif ukoll lill-accountant biex dan minflok jibaghtuh lil People's Enterprises Limited, socjeta` li kienet topera mill-istess sede tieghu. Dan jikkonfermah ukoll Patrick Warrington (fol 69).
(c) Isostni li hu stess kien bil-mobile tieghu icempel lill-mobile in kwistjoni u kienu jwiegbuh diversi nies midhla

tas-socjeta` People’s Enterprises Ltd. (fol 74). F’dan il-kuntest esebixxa itemised bill tal-mobile tieghu biex proprju jsostni din il-kontenzjoni tieghu (fol 76 sa fol 84).
(d) Isostni wkoll illi la personalment u lanqas bhala direttur ta’ MS Three Services Ltd qatt ma hallas kontijiet lit-Telecell jew lil Vodafone ta’ dan il-mobile phone u qatt ma ddelega lil hadd biex isir hlas bhal dan ghan-nom tieghu jew tal-imsemmija kumpanija (fol 65). Fuq din l-ahhar osservazzjoni x-xhieda tal-kumpanija attrici jikkonfermaw illi qatt ma nghataw delega bhal din minghand il-konvenut. Ara deposizzjonijiet ta’ Patrick Warrington (fol 69) u Anthony Debono (fol 41).

Posta l-kwestjoni li l-kontendenti qed jikkontendu dwarha jinghad qabel xejn illi fid-deliberazzjoni taghha ta’ dawn iz-zewg verzjonijiet kontrapposti l-Qorti ma hi ser titlaq mill-ebda prekuncett izda ser tillimita ruhha biex tara jekk issostniex il-versjoni l-wahda jew l-ohra, ben intiz ukoll li jigi accertat minnha jekk is-socjeta` attrici rnexxiliex twassal lill-Qorti sal-punt li tkun konvinta illi din pozitivament iddizimpenjat l-oneru mpost fuqha mil-ligi. Dan anke ghaliex kif inhu risaput il-konvenut ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva.

Huwa pacifiku illi n-norma dwar l-oneru tal-provi ghandha l-fondament taghha fir-regola tradizzjonali “onus probandi incumbit ei qui dicit” u tesprimi b’esigenza logika illi l-piz tal-prova hu a kariku tal-parti li tallega fatt favorevoli ghad-dritt azzjonat minnha. Huwa doveruz ghalhekk illi s-socjeta` attrici taghti prova tal-ezistenza tal-fatt minnha allegat illi l-mobile kien tabilhaqq ad uzu esklussiv tal-konvenut.

Issa mill-provi processwali akkwiziti filwaqt li hu innegabbli li l-konvenut kien jaghmel uzu mic-cellulari in ezami, ma jinsabx imbaghad daqstant assodat illi dan l-uzu kien wiehed esklussiv u personali ghalih. Din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(i) Jirrizulta li l-kumpanija precedenti Carnaby Maintenance Limited, li taghha kien konsulent, qatt ma addebitatu bil-kont ta’ dan ic-cellulari u kien biss wara l-

akkwist tal-ishma taghha illi d-diretturi l-godda nsistew ghall-hlas jew rimbors tieghu in sodisfazzjon tal-allegat arrangament verbali li kien jipprezisti.
(ii) Huwa accettat minn kull xhud prodott mis-socjeta` attrici illi l-konvenut qatt ma ddelega lis-socjeta` attrici biex f'ismu thallas il-kont in diskussjoni.
(iii) Mill-provi dokumentali, senjatament l-itemised bill esebit mill-konvenut, l-mobile in kwestjoni kien jithalla fl-ufficcju ghad-disposizzjoni ta' terzi, li presumibilment kienu wkoll jaghmlu uzu minnu.
(iv) Mhux car ghalhekk illi verament il-mobile de quo kien wiehed ad uzu esklussiv tal-konvenut.

Huwa konkordament accettat illi f'kaz ta' dubju dan ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax, kif fuq inghad, l-oneru tal-prova jibqa' dejjem fuq l-attur mill-bidu sal-ahhar tal-kawza ghax huwa hu li jallega li l-konvenut hu debitur tieghu u allura hu mistenni li jipprova u jissostanza b'mod sodisfacenti din l-allegazzjoni.

Huwa wkoll pacifiku illi f'kaz ta' konflitt serju bejn il-versjonijiet fuq il-provi in-nuqqas tal-konvenut ma tikkolmax il-lakuna probatizju tal-attur u jibqa' dejjem jimpera l-principju "actore non probante reus absolvitur".

Hi l-fehma tal-Qorti illi fil-kaz taht konsiderazzjoni s-socjeta` attrici appellanti ma rnexxiliex fuq ir-rizultanzi istruttorji ottenuti tissodisfa l-oneru tal-provi nkombenti fuqha, jew dan ma ghamlitux sal-grad ta' dik ic-certezza u tal-konvinciment morali tal-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------